MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2011

Numru. 621/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alexander Paul Miruzzi)**

**vs**

**Victor Galea**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Victor Galea, iben Joseph u Nicolina nee' Aquilina, imwieled Siggiewi fl-10 ta' Settembru 1989, residenti 29, Triq il-Wied ta' l-Imsida, Msida u detentur tal-karta tal-identita' numru 430665(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli :

Fit-8 ta' Jannar 2009 kif ukoll fil-granet ta' qabel din id-data fl-inhawi tas-Siggiewi – Malta gieghel annimal isofri

ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u dan bi ksur tal-Artikoli 8(2) u 8(3) tal-Att 25 ta’ l-2001 Dwar il-Harsien ta’ l-Annimali.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi qatel annimal bi ksur tar-Regolament 5 (1) (c) u l-Iskeda C tal-Avviz Legali 260 ta’ l-2003.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi uza  post bhala biccerija, jew halla hekk jintuza, meta ma kellux licenzja mis-Supritendent tas-Sahha Pubblika li tawtorizzah li zzomm dak il-post bhala tali. Dan bi ksur tal-Artikolu 26(2) tal-Kap 231.

Fl-istess data, lok u cirkostanzi iddispona minn xi annimal haj minghajr ma ddikjara l-attivita’ tieghu lis-servizzi veterinarji u dan bi ksur tal-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap 437.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 30 ta’ Gunju 2009 (esebit a fol. 5 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2009 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Semghat is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza ;

Ikkunsidrat :

Illi l-fatti ta’ dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fit-8 ta’ Jannar 2009 id-Direttur Generali fit-Taqsima tar-Regolament Veterinarju rcieva informazzjoni li f’farm f’tal-Bajli, Triq il-Brija, Siggiewi kien qed isir ‘illegal slaughter’ tal-annimali u peress li dan l-istabbiliment ma kienx approvat sabiex jintuza bhala biccerija saret inspection

fuq ill-post. Din l-inspection saret minn Joseph Zammit u Reuben Montebello minn hdan it-Taqsima tar-Regolament Veterinarju li kienu wkoll akkompanjati mill-Pulizija. Il-post in dizamina kien registrat f'isem Emanuel Galea fid-database tat-Taqsima tar-Regolament Veterinarju izda meta l-imsemmi Emanuel Galea mar fuq il-post sabiex jiftihilhom indikalhom li l-post kien maqsum fi tnejn u ma kienx kollu teighu ghaliex nofsu kien ta' huh Victor Galea, u cioe' l-imputat fil-kawza odjerna. Mix-xhieda tal-Veterinary Inspectors fil-fatt jirrizulta li kien hemm passagg li jaqsam il-parti tal-farm appartenenti lill-imputat minn dik appartenenti lil Emanuel Galea. Meta Joseph Zammit xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-15 ta' Ottubru 2009 huwa spjega li fil-parti tal-farm appartenenti lil Emanuel Galea ma nstab xejn irregolari izda meta saret l-ispezzjoni f'dik il-parti tal-farm appartenenti lill-imputat fil-prezenza tal-istess imputat u f'dik il-parti li l-imputat stess indika li kienet tieghu instab mahzen li kien fih affarijiet li jintuzaw ghall-qtil tal-annimali, bhal skieken, fridges, winches eccetera u f'kamra ohra li kien hemm wara dan il-mahzen li kienet maghluqa b'firroll u li giet miftuha mill-imputat wara li saret id-debita talba mill-Veterinary Inspectors instab ziemel mejjet, b'rasu maqtugha u diga' zvinat mid-demm. Dan iz-ziemel gie immedjatament konfiskat u mibghut ghall-incinerator. Iz-ziemel mejjet kien imdendel minn saqajh fuq winch. Reuben Montebello li wkoll xehed waqt l-udjenza tal-15 ta Ottubru 2009 ikkonferma dak li kien qal il-kollega tieghu Joseph Zammit. Abbazi ta' din l-inspection ittiehdu il-proceduri odjerni fil-konfronti tal-imputat wara li saret id-debita talba mid-Direttur tat-Taqsima tar-Regolament Veterianrju. [1] Ir-rapport dwar l-inspection jinsab inserit a fol. 16 tal-atti processwali filwaqt li r-ritratti li ttiehdu mill-Veterinary Inspectors jinsabu inseriti a fol. 25 tal-atti processwali.

L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri[2] fejn sostna li dakinhar li saret l-ispezzjoni huwa kien mar fil-farm fejn izomm il-bhejjem u xi zwiemel u sab ziemel mejjet fil-bitha u qal li dan iz-ziemel miet ghaliex kellu ugiegh f'zaqqu.

[1] Id-debita letter to prosecute tinsab inserita a fol.. 17 tal-atti processwali.
[2] Traskrrizjoni tax-xhieda relattiva tinsab inserita a fol. 35 u 36 tal-atti processwali.

Huwa qal li telaq minn fuq il-post sabiex imur igib vann mill-biccerija sabiex igorrulu z-ziemel meta cempillu huh li qallu li kien hemm xi inspectors veterinarji qed jaghmlu inspection u meta huwa mar lura l-farm spjegalhom li z-ziemel kien sabu mejjet dakinhar stess. L-imputat spjega li huwa jahdem il-biccerija u meta in kontro-ezami gie mistoqsi il-ghala z-ziemel kien minghajr ras huwa sostna li dan sar sabiex iz-ziemel jittiehed il-biccerija fejn qabel kellu jissaffa. Huwa qal li ma kienx talab awtorizzazzjoni mid-direttur tat-Taqsima tar-Regolament Veterinarju sabiex jaghmel dan.

Ikkunsidrat:

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-imputat jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fl-Artikoli (2) u (3) tal-Att 25 tal-2001 u cioe' li gieghel annimal isofri ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u permezz tat-tieni imputazzjoni huwa jinsab akkuzat bir-reat kontemplat fir-Regolament 5(1)(c) u l-Iskeda C tal-Avviz Legali 260/2003. Ir-Regolament 5(1)(c) tal-imsemmi Avviz Legali jipprovdi s-segwenti :-

**5.** (1) Solipedi, ruminanti, majjali, fniek u tjur li jingiebu fil-bicceriji ghall-qatla ghandhom-

(c) ikunu storduti qabel il-qatla jew maqtula f'daqqa wahda skond id-disposizzjonijiet ta' Skeda C;

Il-Qorti wara li ezaminat l-Iskeda C tal-imsemmi Avviz Legali ma jidrilhiex li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz irrizulta li l-qtil taz-ziemel misjub fil-propjeta' tal-imputat ma sarx skond dawn ir-Regolamenti. L-inspectors veterinarji fil-fatt spjegaw li huma sabu dan iz-ziemel imdendel minn saqajh u b'rasu maqtugha izda ma spjegawx b'liema mod kien jirrizulta li dan iz-ziemel ma giex maqtul skond ir-regolamenti indikati fl-imsemmija Skeda C. Huma indikaw biss li z-ziemel instab mejjet, zvinat u b'rasu maqtugha. L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu ghaliex il-Qorti jidrilha li ma giex pruvat sal-grad rikjest mill-ligi li kien hemm xi ksur

tar-regolamenti ndikati fir-Regolament 5(1)(c) tal-Avviz Legali 260/2003 jew li altrimenti z-ziemel in dizamina sofra ugiegh jew tbatija minghajr bzonn.

Il-Qorti jidrilha izda li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni jirrizulta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputat kien qed juza l-post fejn saret l-ispezzjoni bhala biccerija minghajr id-debita licenzja u li huwa ddispona minn annimal ukoll minghajr id-debita awtorizzazzjoni tas-Supretendent tas-Sahha Pubblika skond kif huwa obbligat li jaghmel permezz tal-Artikolu 35(1)(a) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta’ Malta. L-inspectors veterinarji u l-Pulizija li akkompanjawhom fil-fatt xehdu kif fil-post instabu ghodda konnesi mal-qtil tal-annimali u kif fil-post instab annimal maqtul. Il-Qorti jidrilha li ma tistghax taccetta l-ispjegazzjoni moghtija mill-imputat meta huwa xehed f’dawn il-proceduri fejn qal li z-ziemel kien sabu mejjet dakinhar stess u li huwa kien zvinah u qatalu rasu sabiex jiehdu l-biccerija anki ghaliex huwa naqas milli jaghti din l-ispjegazzjoni a tempo vergine lil veterinary inspectors meta saret l-ispezzjoni. Inoltre mix-xhieda ta’ dawn tal-ahhar irrizulta li fil-post propjeta’ tal-imputat fejn saret l-ispezzjoni instabu diversi ghodod u oggetti ohra konnessi mal-qtil tal-annimali. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tat-tielet u tar-raba’ imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 26(2) u 57(3) tal-Kap. 231 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikoli 35(1)(a) u 57(1) tal-Kap. 437 tal-Ligijiet ta’ Malta kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tat-tielet(3) u r-raba’(4) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah multa kumplessiva ta’ elf Ewro (€1,000). Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-ewwel(1) u tat-tieni(2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------